MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 536/2005

**APS Bank Limited (C2192)**

***kontra***

**1. First Direct General Services Limited (C21005) ;**
**2. Carmelo sive Charles Borg (ID594760M) u martu Mary Grace Ciappara (ID429665M), u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2009 gew nominati l-Avukat Dr. Anthony Cutajar LL.D. u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut Carmelo sive Charles Borg ;**
**3. Joseph Ciappara (ID375638M), u b'digriet datat 30 ta' Gunju 2008 minhabba l-mewt ta' Joseph Ciappara l-atti ta' din il-kawza gew trasfuzi f'isem l-eredi tieghu Mary Grace Ciappara (ID429665M), Marika Buhagiar (ID125968M), Gianmarie Ciappara (ID435469M), Joseph Ciappara (ID366075M) u Michael Ciappara (ID520679M)**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni li kienet prezentata fit-2 ta' Gunju 2005 li taqra hekk -

*Peress illi permezz ta' kuntratt fl-atti ta' Nutar Peter Carbonaro tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997) (Dok A) il-Bank attur ta lis-socjeta' konvenuta First Direct General Services Limited facilita` ta` "overdraft" sas-somma ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000), taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha stipulati fl-istess kuntratt ;*

*Peress illi permezz ta' kuntratt iehor fl-atti ta' Nutar Clyde La Rosa tad-disgha (9) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) (Dok B) il-Bank attur ikkonceda wkoll lis-socjeta' konvenuta First Direct General Services Limited facilita` ta` self tas-somma ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha msemmija fl-istess kuntratt ;*

*Peress illi permezz ta' l-imsemmija zewg kuntratti, il-konvenut l-iehor Joseph Ciappara, biex jiggarantixxi ahjar l-obligazzjonijiet kollha assunti mis-socjeta' First Direct General Services Limited skond l-imsemmija zewg kuntratti, kien ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali ma` l-imsemmija socjeta` First Direct General Services Limited favur is-socjeta` attrici ;*

*Peress illi z-zewg konvenuti l-ohra u cioe' Carmelo sive Charles Borg u martu Mary Grace Borg kienu wkoll ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta First Direct General Services Limited favur is-socjeta' attrici ghall-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u tlett mitt lira Maltin (Lm21,300) u kif ukoll ghall-imghaxijiet u spejjez relattivi u dana kif jirrizulta mill-annessi erba'*

*garanziji ffirmati mill-istess Carmelo sive Charles Borg u martu Mary Grace Borg (Dok C, D, E u F) ;*

*Peress illi l-bilanc ta' debitu dovut illum skond l-imsemmija facilitajiet bankarji jammonta ghas-somma ta' sebgha u ghoxrin elf mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm27,125.58) dovuta kwantu ghas-somma ta' hamest elef mitejn u tlett liri Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm5,203.59) bhala bilanc ta' debitu ta' "loan account" numru 11787232015 (Dok G), kwantu ghas-somma ta' ghaxart elef tmien mija u wiehed u erbghin liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm10,841.23) bhala bilanc ta' debitu ta' "overdraft account" numru 11787230013 (Dok H) u kwantu ghas-somma ta' hdax-il elf u tmenin liri Maltin u sitta u sebghin centezmu (Lm11,080.76) bhala bilanc ta' debitu ta' kont kurrenti numru 11787230035 (Dok I), u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv ;*

*Peress illi l-konvenuti kollha u cioe' First Direct General Services Limited, Carmelo sive Charles Borg u martu Mary Grace Borg u Joseph Ciappara, ilkoll in solidum bejniethom, huma debituri tas-socjeta' attrici tas-somma ta' tmintax-il elf hames mija tnejn u tletin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm18,532.61) rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' l-imsemmija facilitajiet bankarji, u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv ;*

*Peress illi inoltre l-konvenuti First Direct General Services Limited u Carmelo sive Charles Borg u martu Mary Grace Borg, ilkoll in solidum bejniethom, huma wkoll debituri tas-socjeta' attrici ta' somma ohra ta' tmint elef hames mija tnejn u disghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm8,592.97) rapprezentanti bilanc ta' debitu iehor ta' l-imsemmija facilitajiet bankarji, u dana oltre l-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-hlas effettiv ;*

*Peress illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi biex ihallsu l-imsemmija somom, anke permezz ta' ittri ufficjali, izda baqghu inadempjenti ;*

*Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex -*

*1) Tikkundanna lill-konvenuti kollha u cioe' First Direct General Services Limited, Carmelo sive Charles Borg u martu Mary Grace Borg u Joseph Ciappara, ilkoll in solidum bejniethom, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmintax-il elf hames mija tnejn u tletin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm18,532.61) rapprezentanti bilanc ta' debitu ta' l-imsemmija facilitajiet bankarji ; u*

*2) Tikkundanna wkoll lill-konvenuti First Direct General Services Limited u Carmelo sive Charles Borg u martu Mary Grace Borg, ilkoll in solidum bejniethom, ihallsu wkoll lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmint elef hames mija tnejn u disghin liri Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm8,592.97) rapprezentanti bilanc ta' debitu iehor ta' l-imsemmija facilitajiet bankarji.*

*Bl-ispejjes kontra l-konvenuti 'in solidum' inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru, prezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti 'in solidum' mil-lum ingunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-bank attur, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Novembru 2005 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti kienet infurmata li l-konvenut Joseph Ciappara kien miet fil-mori tal-kawza.

Rat id-digriet moghti fis-27 ta` Gunju 2008 fejn din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba tal-bank attur sabiex, wara l-mewt tal-konvenut Joseph Ciappara, l-atti jigu trasfuzi f`isem l-eredi tieghu u cioe` Mary Grace Ciappara *de jure* separata minn zewgha Charles Borg, Marika Buhagiar, Gianmarie Ciappara, Joseph Ciappara u Michael Ciappara.

Rat ukoll li bis-sahha ta` dak l-istess digriet, isem il-konvenuta *Mary Grace Borg* kien korrett sabiex jigi jaqra *Mary Grace Ciappara.*

Rat in-nota a fol 84 tal-process li permezz taghha Maria Carmela Buhagiar irrinunzjat ghall-wirt ta` missierha Joseph Ciappara u ghalhekk iddikjarat li mhix partecipi la fl-assi u lanqas fid-debiti tal-eredita` tal-istess Joseph Ciappara.

Rat ir-risposta ta` l-konvenuta Mary Grace Ciappara prezentata fl-<u>14 ta` Novembru 2008</u> li taqra hekk –

*1. Illi fl-ewwel lok hemm dar li qeghda taghmel tajjeb ghal dan id-dejn u li b`hekk jista` jithallas dan id-dejn kif jinbiegh dan il-fond.*

*2. Illi fit-tieni lok id-dejn huwa primarjament tas-socjeta` ntimata u ghandha tigi kkundannata s-socjeta` ntimata sabiex thallas u jekk jibqa` xi dejn ihallas min dahal garanti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Mary Grace Ciappara.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti kif presjeduta fejn l-Av. Dr. Anthony Cutajar u l-P.L. Doreen Aquilina kienu mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut Carmelo sive` Charles Borg li rrizulta li huwa assenti minn dawn il-Gzejjer fl-atti kollha ta` din il-kawza u fl-atti kollha sussegwenti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' l-imsemmija kuraturi deputati prezentata fit-28 ta' Settembru 2009 li taqra hekk –

*1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jippresentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-assenti minnhom rappresentat u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lis-socjeta' attrici tipprovdi, jekk ghandha, indirizz tal-assenti konvenut, u/jew numru tat-telephone jew fax jew e-mail address tal-istess.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni bil-gurament tal-istess kuraturi deputati u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat in-nota a fol 122 tal-process li permezz taghha John Mary Ciappara, Joseph Ciappara u Michael Ciappara irrinunzjaw ghall-wirt ta` missierhom Joseph Ciappara.

Semghet ix-xhieda ta` Joseanne Gauci bhala rapprezentant tal-bank attur fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2010.

Qieset id-dokumenti (minn Dok APS1 sa APS20) li kienu esebiti mill-imsemmija Joseanne Gauci fl-istess udjenza.

Rat id-digriet moghti fl-udjenza tat-22 ta` Novembru 2010 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum in difett ta` ostakolu.

Rat li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex din il-Qorti taghti s-sentenza llum.

**Ikkunsidrat :**

Il-provi li rrizultaw fil-kawza tal-lum kienu dawn –

Fil-25 ta` Awissu 1997, il-bank attur (“APS”) hareg *sanction letter* fejn accetta li jaghti *overdraft facility* fl-ammont ta` Lm 6000 lill-kumpannija konvenuta First Direct General Services Limited (“First Direct”) [Dok APS2]. In segwitu ghall-imsemmija *sanction letter*, fit-23 ta` Ottubru 1997 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro (Dok A) fejn id-debitur principali kienet First Direct, u Joseph u Antonia Ciappara kienu l-garanti (*sureties*).

Fit-18 ta` Dicembru 1997, APS hareg *sanction letter* fejn accetta li jaghti *loan facility* lil First Direct ghal Lm 6000 (Dok APS1). In segwitu ghall-imsemmija sanction letter, fid-9 ta` Jannar 1998 sar kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa (Dok B) fejn id-debitur principali kienet First Direct, u Joseph u Antonia Ciappara kienu l-garanti (*sureties*).

Jirrizulta li l-erba` guarantee forms tal-konjugi Borg (tnejn ghal-*loan* u
tnejn ghall-*overdraft*) [Dok C sa F fol 17 sa 38] qatt ma gew ritirati u ghalhekk ghadhom, veljanti sal-lum.

Jirrizulta li ghall-bidu kien qed isir uzu tajjeb tal-facilitajiet skond il-ftehim fis-sens li kienu qeghdin isiru depoziti lura b`mod regolari sakemm wara sena l-hlasijiet lura waqfu ghal kollox.

Fit-12 ta` Marzu 1999, APS kiteb lil First Direct fejn ghamel *call in* tal-facilitajiet (Dok APS3). Il-garanti Charles Borg u martu Mary Grace illum Ciappara (Dok APS4) u Joseph u Antonia konjugi Ciappara (Dok APS5) kienu nterpellati sabiex ihallsu dak kollu li kien dovut lill-bank attur. In segwitu APS sar jaf li garanti minnhom u cioe` Antonia Ciappara kienet mietet fit-13 ta` April 1998 (Dok APS6 sa APS8). L-eredi taghha kienu wkoll interpellati biex ihallsu. Irrizulta li Joseph Ciappara, John Mary Ciappara, Maria Carmela Buhagiar u Michael Ciappara rrinunzjaw ghall-wirt ta` ommhom Antonia Ciappara li mietet fit-13 ta` April 1998 (Dok APS19).

Jirrizulta li fit-3 ta` Novembru 2000, APS baghat ittra legali lil First Direct ghall-hlas ta` Lm 20,302.24 (Dok APS9). Ittra legali ohra bl-istess data u ghall-istess ammont ntbaghtet lil Charles Borg u martu Mary Grace illum Ciappara (Dok APS10). Ittra legali bl-istess data ghall-ammont ta` Lm 14,258.68 ntbaghtet lil Joseph Ciappara (Dok APS11) u lill-eredi ta` Antonia Ciappara (Dok APS 12).

Jirrizulta li fis-29 ta` Novembru 2000, APS ipprezenta ittra ufficjali kontra First Direct (Dok APS 13) ghall-hlas tal-ammont ta` Lm 20,302.24. Fl-istess data, kienet prezentata ittra ufficjali ohra (Dok APS14) kontra Charles Borg u martu Mary Grace illum Ciappara ghall-hlas tal-istess ammont. Fl-istess data, kienet prezentata

ittra ufficjali kontra Joseph Ciappara (Dok APS15) ghall-hlas tal-ammont ta` Lm 14,258.68. Ittra ufficjali ohra fl-istess data u ghall-istess ammont kienet prezentata kontra Michael Ciappara, Josef Ciappara, Marika Buhagiar u John Mary Ciappara (Dok APS16).

Jirrizulta li fil-25 ta` Marzu 2003 (Dok APS17) kienet prezentata ittra ufficjali kontra d-debitur principali u kontra l-garanti solidali Charles Borg u martu Mary Grace illum Ciappara fejn saret talba ghall-ammont komplessiv ta` Lm 24,616.63 in kwantu ghal Lm 5203.59 bhala bilanc ta` *loan account* Nru 11787232015, in kwantu ghal Lm 10794.93 bhala bilanc ta` kont kurrent Nru 11787230013 u in kwantu ghal Lm 8615.61 bhala bilanc ta` kont kurrent Nru. 11787230035. Intalab l-imghax ulterjuri b`effett mill-31 ta` Dicembru 2002. L-intimati kienu notifikati kollha fit-2 ta` Mejju 2003 (fol 160). Fl-istess data saret ittra ufficjali kontra Joseph Ciappara (Dok APS18) ghall-ammont ta` Lm 16,741.97) bhala garanti solidali ta` First Direct bl-imghax ulterjuri b`effett mill-31 ta` Dicembru 2002. L-intimat kien debitament notifikat fl-10 ta` April 2003 (fol 162).

Jirrizulta li ma sar l-ebda hlas mill-ammonti pretizi mill-bank attur f`din il-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Id-debitur principali tal-ammonti li taghhom APS qieghed jippretendi l-pagament hija l-kumpannija konvenuta First Direct General Services Limited (C21005). Jirrizulta li First Direct kienet notifikata skond il-ligi bl-att tac-citazzjoni pero` baqghet kontumaci.

Il-konvenut Carmelo sive` Charles Borg li kien garanti ta` First Direct kien rapprezentat f`din il-kawza minn kuraturi deputati peress li rrizulta li huwa assenti

minn dawn il-Gzejjer. Il-kuraturi deputati pprezentaw nota` ta` eccezzjonijiet formali.

L-eredi tal-konvenut Joseph Ciappara kienu hamsa - Mary Grace Ciappara, Maria Carmela sive` Marika Buhagiar, John Mary Ciappara, Joseph Ciappara u Michael Ciappara. Erbgha minnhom Maria Carmela sive` Marika Buhagiar, John Mary Ciappara, Joseph Ciappara u Michael Ciappara irrinunzjaw ghall-wirt ta` missierhom Joseph Ciappara. L-unika li ma rrinunzjatx kienet Mary Grace Ciappara li kienet ukoll garanti f`isimhom propju (mhux bhala eredi ta` Joseph Ciappara) ta` First Direct.

Din il-Qorti qieset dak li ssottomettiet l-istess Mary Grace Ciappara *in difesa* taghha u tirrespingi bhala nfondata fid-dritt id-difiza taghha.

Dan *anke* billi taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta` Mejju 1995 fil-kawza fl-ismijiet **“Mamo noe vs Psaila et”** u minnha ticcita dan il-bran –

*... kif jirrizulta mill-istess garanzija a fol 5 tal-process il-konvenuti personalment dahlu garanti in solidum ... mas-socjeta` imsemmija ... Minn dan id-dokument biss ghalhekk diga` tirrizulta stabbilita sufficjentement il-garanija in solidum mad-debitur principali favur il-bank. Anke li kieku ma kienx hekk pero` trattandosi propju ta` garanzija bankarja li fit-termini ta` l-artikolu 5(b) tal-Kodici tal-Kummerc jirrisolvi ruhu f`att ta` kummerc minhabba li huwa konness ma` self bankarju kien ikun applikabbli d-dispost ta’ l-artikolu 1941 tal-Kodici Civili li jiddisponi li l-garanti fil-hwejjeg tal-kummerc, meta ma jkunx hemm ftehim xort’ohra, jitqies dejjem li hu obbligat in solidum mad-debitur ;*

*Dana kollu qieghed jinghad il-ghaliex kif sewwa osserva l-appellant minhabba li hawn si tratta mhux ta` garanzija semplici imma wahda in solidum cioe` joint and*

*several il-konsegwenza hija li l-garanti in solidum fit-termini ta’ l-artikolu 1935(b) tal-Kodici Civili huwa fl-istess posizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eccezzjoni ta` l-eskussjoni jew il-beneficcju tad-divizjoni. Infatti l-effetti tal-garanzija solidali principalment jirrisolvu ruhhom propju f`dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa moghti d-dritt illi jagixxi direttament kontra l-garanti solidali minghajr il-htiega li qabel jagixxi kontra d-debitur principali jew li jirrikorri ghall-eskussjoni jew ghad-divizjoni tal-beni qabel ma jkun jista` jagixxi kontra l-garanti solidali ;*

(ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta` Dicembru 1963 fil-kawza **“Baldacchino vs Schembri”**).

**Ikkunsidrat :**

Il-konteggi ta` l-ammonti pretizi minn APS mhux biss kienu konfermati bil-gurament *anke* bl-iskorta ta` dokumenti izda ma gewx kontestati.

Din il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici kontra First Direct bhala debitur principali, kif ukoll kontra Carmelo Borg bhala garanti f`ismu propju u kontra Mary Grace Ciappara bhala garanti f`isimha propju u bhala garanti bhala eredi ta` Joseph Ciappara jirrizultaw pruvati b`mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tilqa` l-ewwel talba, u ghar-ragunijiet hemm indikati, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta First Direct General Services Limited, lill-assenti konvenut Carmelo sive Charles Borg rapprezentat ghall-fini ta` din il-kawza mill-kuraturi deputati Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, u lill-konvenuta Mary Grace Ciappara gia`**

**Borg f'isimha propju u bhala eredi ta` Joseph Ciappara, sabiex huma lkoll *in solidum* bejniethom, ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta' tlieta u erbghin elf mija disgha u sittin Ewro sitta u tletin centezmu (€43,169.36) ekwivalenti ghal tmintax-il elf hames mija tnejn u tletin liri Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm18,532.61) bl-interessi ulterjuri b`effett mill-31 ta` Dicembru 2004.**

**2) Tilqa` t-tieni talba u ghar-ragunijiet hemm indikati, tikkundanna lill-kumpannija konvenuta First Direct General Services Limited, lill-assenti konvenut Carmelo sive Charles Borg rapprezentat ghall-fini ta` din il-kawza mill-kuraturi deputati Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, u lill-konvenuta Mary Grace Ciappara gia` Borg f'isimha propju sabiex huma lkoll *in solidum* bejniethom, ihallsu lill-kumpannija attrici s-somma ta` ghoxrin elf u sittax–il Ewro tlieta u ghoxrin centezmu (€20,016.23) ekwivalenti ghal tmint elef hames mija tnejn u disghin Lira sebgha u disghin centezmu (Lm8,592.97) bl-interessi ulterjuri b'effett mill-31 ta' Dicembru 2004.**

**3) Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta First Direct General Services Limited, lill-assenti konvenut Carmelo sive Charles Borg rapprezentat ghall-fini ta` din il-kawza mill-kuraturi deputati Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, u lill-konvenuta Mary Grace Ciappara gia` Borg sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru li kien prezentat kontestwalment ma' l-att tac-citazzjoni.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------